KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 60**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023, fl-16:48 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

60.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji.

## 60.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

60.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 59 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru xi korrezzjonijiet imbgħad ġew approvati unanimament.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

60.3.1 Is-Sindku qal li l-*open day* fit-Trunċiera kienet suċċess. Attendew aktar nies milli mistenni. Semma li attendiet ukoll l-Ambaxxatur Franċiż għal Malta. Is-Sindku radd ħajr lil grupp Din l-art Helwa li ħadu ħsieb din l-attività. Radd ħajr ukoll lil grupp *Keep Qala*



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

*Clean* li għamel tindif fiż-zona, fl-istess ġurnata. Is-Sindku semma li nxtara *blower* li għen fit-tindif tal-fortizza. Intuża wkoll it-*truck* tal-Kunsill għat-trasport tal-ħaddiema u materjal biex isir dan it-tindif.

60.3.2 Dwar il-fanali tal-Belvedere, is-Sindku qed issir ħafna ħidma biex dawn jitwaħħlu. Ser isiru gandotti u vireg ġodda għall-provvista tad-dawl, u dan għax dawk li hemm bħalissa ġratilhom il-ħsara. Waqt ix-xogħol instab li qabel, fejn tax-Xerri, kien hemm fanal ieħor u dan ser isir ukoll. Qed isir xogħol ta' brix mill-ħaddiema, infetħu l-fili imbgħad biex wara jinkesa' u jinżebaħ lif suppost. Is-Sindku semma li l-kisi minn naħa ta' ġewwa kien ta' kwalita' ħażina. Is-Sindku saħaq li x-xogħol għandu jsir b'għaqal u dan biex ma jerġax jinqala' wara qasir żmien.

60.3.3 Is-Sindku semma li l-bank li jinstab fil-ġemb tal-belvedere sar mill-ġdid b'injam tal-*iroko*. Irringrazzja lil ħaddiema tal-Kejżelli għal ħidma tagħhom biex tlesta dan il-bank.

60.3.4 Is-Sindku qal li sar xogħol ta' tiswija fuq iċ-ċangaturi ta' Ġnien il-Familja, mill-ħaddiema tal-Kunsill.

60.3.5 Fir-rigward tar-*roundabouts*; is-Sindku qal li xeba' jistenna. Qed jiġri wara n-nies biex isir *printed cement*. Segwiet diskussjoni dwar dan peress li diġa' hemm *tender* tas-civil works. Il-Kunsill qabel bħala prinċipju li dan għandu jsir imma l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħa jkun qed jiċċekja mal-Perit jistax isir dan.

60.3.6 Is-Sindku qal li ħa jkollu bżonn jinħare *tender* għal fanali tal-pjazza. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

60.3.7 Is-Sindku qal li l-grupp minn Canale Monterano ħa jżuru lil Għawdex bejn l-1 u l-5 ta' Lulju bħala parti mill-programm "NESSIE," ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Esprimew ix-xewqa li jkunu fejn il-baħar. Is-Sindku qal li sab blokka *flats* ix-Xwejni u ingħata stima ta' €30 għal kull persuna "per night" fuq bażi *Bed and Breakfast*. Il-kunsilliera qablu ma dan. Il-booking li kien sar mal-ITS Booking ITS biex jitħassar.

60.3.8 Fl-istess ambitu ta' ġemellaġġ, is-Sindku qal li qed joqrob iż-żmien biex immorru Canale Monterano bejn it-12 u s-17 ta' April għall-programm "WINGS," iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Ser issir laqgħa għal grupp li ser jattendi nhar l-4 ta' April.

60.3.9 Saret talba minn banda mużiklai li ġejja minn Salina biex jaraw il-Kunsill hux lest josepitahom għal xi ġranet u huma, waqt iż-żjara, joffru s-servizzi mużikali tagħhom. Il-Kunsilliera qablu fil-prinċipju. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkomunika magħhom biex naraw għandomx f'moħħhom dati partikulari, u kemm se jkunu nies. Bħala Kunsill ser nissuġġerixxu li jiġu waqt il-Qala International Folk Festival. Ser jintalab video tal-band biex nifhmu x'tip ta' Mużika jdoqqu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

60.3.10 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li qrobna biex nibdew ix-xogħol fi Triq 28 ta' April. Il-gandott għal *cables* tal-*high tension* tad-dawl huwa stmat li jiswa €150,000. Il-*water culvert* hu stmat li jiswa €50. Il-Ministeru għal Għawdex jaqbel bħala prinċipju li jkopri dawn l-ispejjeż, imma qed jistennew *go ahead* mit-Teżor. Is-Sindku qal li ċċekja mal-*Accountant* dwar għandnax fondi biex, jekk idumu ma jaslu l-flus, jitħallsu temporanjament mill-Kunsill bħal ma diġa' kien sar mal-culvert tal-Kunċizzjoni. L-*Accountant* ikkonferma li hemm fondi quddiem is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel enfasi li ħlas ta' €200,000 jista' jkun biss ta' natura temporanja, sakemm jitħallas mill-Ministeru; għax imkella taf tinqala diffikulta' aktar il-quddiem tul is-sena. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dan.

60.3.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu minn Ottubru jnikkomunika mal-BCRS biex tiġi nstallata *Reverse Vending Machine* fil-Qala. Dan is-suġġett ġiet anke diskuss fil-Kunsill. Wara żmien ta' silenzju l-Kunsill ġie infurmat li l-Qala mhux se ssir magna. Wara diversi wiegħdi, *site visits* u anke ġie l-engineer tal-Enemalta; is-Sindku stqarr li jinsab diżappuntat li kellu jisma aħbar bħal din mill-mezzi tax-xandir.

60.3.12 Is-Sindku semma li qed ikun hemm ħafna tgergir mis-Sindki kollha ta' Għawdex fuq il-kuntrattur responsabbli mid-dawl tat-toroq. Ma għandniex servizz tajjeb u l-awtoritajiet dan jafuħ.

60.3.13 Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss se ssir fit-3 ta' Mejju, nhar Jum l-Omm. Ippropona li għal din is-sena l-Kunsill jagħti *mug*, flok fjura bħas-soltu. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

60.3.14 Dwar l-iżvilupp Fi Triq il-Wardija, s-Sindku qal li ġew l-Awtorità ta' l-Ippjanar biex jagħtu l-linja sa fejn jista' jasal il-bini mat-triq imma, sal-llum, għadna ma smajma xejn mingħand il-PA, minkejja li l-isviluppatur diġa' bena sular.

60.3.15 Is-Sindku semma li saret talba biex il-Kunsill jikkollabora mal-Banda tar-raħal għal Kunċert li se jsir fil-Knisja nhar id-19 ta' Marzu. Il-Kunsilliera diġa' qablu ma din il-proposta permezz ta' email.

60.3.16 Is-Sindku qal li s-siġar kollha li li hemm ġo *pots* qiegħdin jissaqqew darba fil-ġimgħa.

60.3.17 Is-sindku qal li l-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex naddfu l-parking area ta' Hondoq, u anke fejn hemm il-kamra li se tingħata lil Kunsill. 'Il quddiex ser ikunu qed isiru l-kanni wkoll.

60.3.18 Is-Sindku qal li l-Kumpannija GreenPac, li hi responsabbli mill-*i-bins* fi Triq Grunju tilfu l-kuntratt ta' Għawdex kollu. Għalhekk fil-ġranet li ġejjin dawn ser jitneħħew. Is-Sindku jispera li l-kuntrattur il-ġdid jaħdem id f'id mal-Kunsill bħal ma kienu jagħmlu l-GreenPac.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

60.3.19 Is-Sindku qal li rċieva talba mill-assoċċazjoni "Voice for Inclusion" biex jitolbu kamra fil-Kunsill tal-Qala. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-għaqda tingħata l-kamra li fl-imgħoddi kienet isservi bħala berġa. Il-Kunsilliera jaqblu bħala bi prinċipju, imma hemm bżonn li nitolbu kjarifika minn din l-assoċċazjoni dwar kemm qed jistennew li ser idumu jużaw din il-kamra u anke hux ser ikunu qed iżommu flus minn-nies li jużaw is-servizzi tagħhom.

60.3.20 Is-Sindku semma li rċieva email mingħand Fr Charles Buttigieg li fiha għarraf lil Kunsill li hu ma jixtieqx li jkun inominat għal Ġieħ il-Qala. Fl-istess korrispondenza hu ssuġġerixxa diversi persuni oħra għal dan il ġieħ. Dwar din il-ħaġa nitkellmu aktar 'il quddiem.

60.3.21 Is-Sindku qal li saru diversi laqgħat mal-Arċipriet u Enemalta dwar is-*sub station* tad-dawl. Jaħseb li s-soluzzjoni hi fil-qrib.

60.3.22 Is-Sindku qal li s-saqajn tal-*barriers* waslu. Saru wkoll ftit saqajn żejda biex ikunu jistgħu jinbidlu f'każ li jitgħaffġu minn trakkijietjew karozzi.

60.3.23 Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva *acknowledgement* li l-applikazzjonijiet tal-Green Projects qiegħdin jiġu pproċessati.

60.3.24 Is-Sindku qal li attenda l-Qorti għall-appell fir-rigward tal-isvilupp f'Hondoq ir-Rummien. Is-Seduta ġiet posposta għad-19 ta' April.

60.3.25 Dwar il-Qala International Folk Festival, is-Sindku qal li tieni grupp ġie magħżul u l-grupp aċċetta l-kundizzjonijiet tal-Kunsill.

60.3.26 Is-Sindku semma li beda xogħol ta' żvilupp fuq bini fiz-zona ta' Bumbarin. Dan l-isvilupp ingħata permess minkejja l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill għamel ħiltu kollha biex anke sar appell. Attendejna għas-seduta imma l-permess inħareġ xorta waħda.

## 60.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

60.4.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li x-xahar li għadda saret talba għal *double yellow line* fil-Pjazza. Il-ħaddiem ġew jiżbħu imma ma żebħux kif talab il-Kunsill. Ir-residenti lmentaw u reġgħu żebħuh iswed. Saret talba minn sid il-grada biex jerġa jsir double yellow line quddiem il-grada, bħal ma kien għal ħafna snin. Is-Sindku avża li skond Transport Malta, *double yellow line* quddiem grada jew garaxx ma tistax issir għax dawn ma jistgħux jintrifsu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv se jkun qiegħed jikkuntatja lil Dr Camilleri (TM) biex tiggwida lil Kunsill f'dan ir-rigward.

60.4.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li saret ħerba ikbar mis-soltu fil-bajja ta' Hondoq, fl-aħħar maltempata; u jissuġġerixxi li titnaddaf ftit ħalli jkun jista' jidħol ir-ramel fil-bajja



PB LC

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

b'mod naturali. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Is-Sindku ser ikun qed ikellem lil-Ministeru ta' Għawdex dwar dan.

60.4.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li saritlu talba għal żbir ta' siġra li tinsab kantuniera ma triq il-Wileġ. Din soltu ssir mill-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitlob lil ħaddiema biex jagħmluwha.

60.4.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai rċieva ilment minn persuna resident fi Triq il-Wileġ. Staqsa jistax il-Kunsill jwaħħal tabella li hemm *camera*? Il-Kunsilliera qablu ma dan.

60.4.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jistax jintbgħat kennies b'mod aktar frekwenti fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku rrimarka li hemm min qed jilmenta b'mod regolari dwar dan. Is-Sindku tenna li l-kenniesa li jaħdmu mal-Kunsill qed iduru r-raħal kollu u qed jaħdmu.

60.4.6 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għal ittra datata 8 ta' Marzu dwar unattended skips ta' Kassja. Ittieħdet diġa' azzjoni dwar dan mill-iskrivana.

60.4.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa hemmx aġġornament fuq il-problema tal-WIFI fejn il-Kappella tal-Blat. Is-Sindku qal ser ikun qed ikellem lil familja hu personalment

60.4.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai issuġġerixxa li jkun tajjeb nibdew naħsbu għas-żbir tas-siġar tal-festa, biex naraw x'għandu jsir qabel il-festa. Is-Sindku qal li ser javviċina lis-Sur Joseph Bonello dwar dan, u naraw ikunx meħtieġ l-permezz tal-ERA.

60.4.9 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li saritlu talba biex titneħħa mera tat-traffiku li hemm fi Triq l-Imgarr. Is-Sindku qal li din diġa' tneħħiet.

60.4.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li, għall-ewwel darba, ser issir mixja b'risq Puttinu ġewwa Għawdex. Il- Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet biex, hekk kif Pjazza San Guzepp u Triq 28 ta' April ser ikunu magħluqa għal Purċissjoni tad-Duluri, dawn jibqgħu magħluqin sal-10:30pm. Talbet ukoll biex il-Kunsill jipprovdi *barriers* u tliet imwejjed fil-pjazza. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

60.4.11 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kienx hemm żviluppi fuq il-bozoz fi Triq Fortin Sant' Antnin. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ingħata l-permessi meħtieġa u hemm kollox lest; imma l-kuntrattur qed iżommna fuq din l-inizjattiva għax għadu ma ġiex.

60.4.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet fuq meta se tifaħ il-clinic tas-saħħa, fil-pjazza? Is-Sindku qal li l-awtoritajiet qed jimmiraw għal tliet xhur oħra. Il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb tikħil, madum, u wara jiġi refunded mill-ministeru tas-saħħa. Segwiet diskussjoni dwar dan.

60.4.13 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak fl-aħħar laqgħa ssemmew il-blokok tas-*cement* li hemm fit-triq ta' Hondoq, u staqsiet kienx hemm xi żviluppi dwar dan. Il-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Kunsillier Joseph Buttigieg qal li biex jinħareġ tender jieħu ż-żmien Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li thi meħtieġa aktar pressjoni, għax dan xogħol li jrid isir issa u mhux fis-sajf; imkella dawn il-blokok ikunu ilhom hemm erbgħa snin. Ser tkun qiegħda tintbgħat email mill-Kunsill lil Ministeru dwar il-ħtieġa li din it-triq issir ssir qabel is-sajf.

60.4.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-*coffee morning* li ser isir nhar Jum l-Omm. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li kellmuwha xi nies, biex jaraw naraw fejn ħa ssir il-Quddies. Is-Sindku qal li l-organizazjoni tal-Quddiesa jieħu ħsiebha Fr Charles. Il-Kunsilliera qablu li jsir suġġeriment biex din id-darba ssir ta' Pinu.

60.4 15 Il-Kunsillier Karl Buttigieg għamel aċċenn għal berġa li ssemmiet f'minuta numru 60.4.12; u qal li sakemm ma hemmx raġuni oħra hu ma jaqbilx li l-Kunsill joħroġx flus. Il-post ma ntgħażilx mill-Kunsill, u anqas ma se tkun immexxija mill-Kunsill. Jekk ma jkollniex bil-miktub biex nħallsu, hu mhux ser japprova pagamenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qablet ma dan.

60.4.16 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li f'laqgħa preċedenti ntqal li l-Kunsill għandu jorganizza laqgħa mal-għaqdiet bi tħejjija għal festa. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li jkun tajjeb li ssir ħalli l-affarijiet mal-għaqdiet ikunu ċari mill-ewwel. Il-Kunsilliera qablu fuq *target date* li tkun it-Tlieta, 25 April, is-Sala tal-Kunsill, fis-7:30pm.

60.4.17 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kienx hemm aġġornamenti fir-rigward ta' Triq il-Mitħna, Triq Papa Piju XII, u Triq il-Wardija. Is-Sindku wieġeb li ma smajna xejn. Ser ikun qed jintalab aġġornament dwar dan mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

60.4.18 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kienx hemm aġġornamenti mingħand il-perit fir-rigward ta' proġetti varji u tax-xogħol fuq *zebra crossing* quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku wieġeb li rċievejna l-permess mingħand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar; u issa qed nistennew li ssir it-talba għal fondi. Is-Sindku qal li ta' struzzjonijet lil Perit biex jibda jaħdem fuq *zebra crossing* weħida.

60.4.19 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak pproponiet li jitpoġġew 4 bankijiet fi Triq Barbaġan. Ġie suġġerit li, fl-istess waqt, jinġarru l-*pots* li fadal fi Ġnien il-Familja. L-order għal bankijiet issir asap. Pots next week. Il-Kunsill għandu stimi riċenti li jammontaw għal €400 kull bank. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta. Ma hemmx bżonn *base* tac-*cement*, għaliex diġa hemm.

60.4.20 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ppropona li l-*iskips* jiċċaqalqu minn Triq Barbaġan u jibdew jitpoġġew għal Triq Fortin ta' Sant Antnin, quddiem il-fetħa li hemm quddiem l-impjant tan-Najsi. Il-Kunsilliera qablu lkoll ma dan is-suġġeriment. Segwiet diskussjoni fuq kif ser jiġu nfurmati n-nies. Il-Kunsill ser ikun qed jipprova li, fl-istess żmien, jitpoġġew il-bankijiet fi Triq il-Barbaġan. Ġiet diskussa wkoll il-possibilità li jitpoġġa mużajk fi triq il-Barbaġan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

60.4.21 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar *bus stop* fi Triq il-Wileġ li ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti. Osserva li kif qablu li tiċċaqlaq fl-aħħar laqgħa ser tkun ta' periklu għat-traffiku. Saret osservazzjoni li jekk tiċċaqlaq din il-*bus* stop, jista' jkun li jkun hemm talbiet simili madwar ir-raħal; u fl-imgħoddi dawn it-talbiet ġew miċħuda mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li t-talba saret u ttieħdet deċiżjoni li tiċċaqlaq għaliex kien hemm il-possibilita' li jsir dan. Il-Kunsilliera ssuġġerew li l-*bus stop* tiċċaqlaq biex tiġi ma tarf il-binja, bi swit l-isqaq tas-cement li jagħti għall-għelieqi. Din il-materja ser tiġi trattata fil-laqgħa li jmiss, wara li l-Kunsilliera jkunu żaru is-sit in kwistjoni.

## 60.5 Aġġornament fuq Triq 28 ta' April

60.5.1 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[1]

## 60.6 Aġġornament fuq it-talba mill-Kunsill Lokali Qala għal installazzjoni ta' *Reverse Vending Machine*

60.6.1 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[2]

## 60.7 Aġġornament fuq Ġemelleġġ Canale Monterano 2023 u Ġemellaġġ Salina 2023

60.7.1 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[3]

## 60.8 Xogħol ta' manutenzjoni fiz-zona tal-Belvedere u inħawi oħra

60.8.1 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[4]

## 60.9 Skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali

[1] Ara Minuta numru 60.3.10
[2] Ara Minuta numru 60.3.11
[3] Ara Minuti numru 60.3.7 u 60.3.8
[4] Ara Minuti numru 60.3.2 u 60.3.3



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

60.9.1 5 Ġew trattati tliet skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali: SPI/SCI/01/2023 (Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024), SPI/SCI/02/2023 (Espresjoni ta' Interess għal servizz ta' Manutenzjoni fil-Librerij Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex), u SPI/SCI/03/2023 (Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023). Il-Kunsilliera qablu li għandom jiġu sottomessi applikazzjonijiet għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u The World Cleanup Campaign.

## 60.10 Materji Amministrattivi

60.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li r-rapport finali tal-proġett "Europe is a State of Mind" (EUISM) ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Kunsill irċieva komunikazzjoni dwar dan mill-istess KE. Issa jonqos li l-KE tħallas lil Kunsill il-bilanċ li għadu pendenti għal dan il-proġett.

60.10.2 Ġiet diskussa talba biex il-Kunsill jitlob permess mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, ħalli tinħareġ sejħa għal *Casual Substitute Clerk.* Il-Kunsilliera qablu ma dan.

60.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab permess lil Kunsill biex jibda l-proċess ħalli jinħareġ tender għall-iskips. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

## 60.11 Korrispondenzi

Ġew trattati s-segwenti korrispondenzi:

60.11.1 Email mingħand Andrea Debrincat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Forum tas-Sindki (2023) bit-tema "Urban regertation towards 2030" li ser isir f'Ottubru 2023.

60.11.2 Email mingħand is-Sur Neville Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fuq sessionijiet ta' tagħrif dwar *Social Determinants of Health Unit.*

60.11.3 Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali; bi kjarifika rigward attivitajiet li jeħtiegu permess mill-KL.

60.11.4 Email mingħand Marica Axiaq mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kriterji ta' għażla mill-GPP.

60.11.5 Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali; bil-linji gwida dwar il-proċessi ta' ħlas u rimbors għas-servizz ta' ġbir tal-Iskart.

PB LC.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

60.11.6 Talba mingħand is-Sa Silvia Benenati, biex banda minn Salina tiġi l-Qala bil-possibilita li jirreċiprokaw. Il-Kunsilliera qablu li tintalab aktar informazzjoni mingħand din il-Banda.

60.11.7 Email mingħand il-Fondazzjoni "*Smiling with Jerome*" dwar wirja li ser tittella bejn is-26-28 ta' Mejju.

60.11.8 Email mingħand is-Sa Nicola Falzon f'isem YMCA Malta, dwar servizz ta' psikoterapija li joffru minn psikoterapisti kwalifikati u anke trainee psychotherapists.

60.11.9 Talba mingħand is-Sur Albert Agius f'isem "The Joygivers" biex jaraw jistax il-Kunsill jgħin fil-finanzjament għal video mużikali għad-diska "Hondoq ir-Rummien". Il-Kunsilliera qablu li jipproponu kkollaborazjoni ma dan l-istess grupp għal kunċert fil-pjazza.

60.11.10 Talba mingħand is-Sur Marvic Gauci, f'isem Gymnpro Gymnastics fejn saret talba għal sponsorship. Il-Kunsilliera qablu li ma jilqgħux din it-talba.

60.11.11 Email mingħand il-People and Standards Division dwar il-"Ġimgħa tas-Sagrifiiċju".

## 60.12 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

60.11.1 Ġiet mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti numru 03/2023. Il-Kunsilliera approvaw unanimament din l-iskeda.

## 60.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-7:17pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv